**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 51 – IL-ĠIMGĦA 25 TA' JANNAR 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Georgette Borg | Deputy Executive Secretary |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

**1.1** Inqraw il-Minuti tal-laqgħa numru ħamsin li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2012.

**1.2** Fuq proposta tal-Viċi Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, dawn ġew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

## 2. ILMENT MINGĦAND Dr. MARC SANT

**2.1** Dr Marc Sant ressaq ilment fuq il-ħmieġ tal-klieb fir raħal.

**2.2** Il-kunsilliera qablu li għandha tintbagħat e-mail lis-Sur David Soler, Authorised Officer, fejn għandna nistaqsuh ir-rotta li għandhom il-*green wardens* fir-raħal u kemm ingħataw contavenzjonijiet dan l-aħħar.

## 3. KORRISPONDENZA

**3.1** Dr Marc Sant staqsa klarifikazzjoni fuq korrispondenza nr 0038/13 bit-titlu 'Invoice to Settle'.

**3.2** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-'Abakus Solutions' bis-suġġett b''invoice to settle' biex jitħallas il-website u bl-istess titlu inbagħtet e-mail oħra fejn qalulna li l-avviz taċ-Ċitru ser jiġi uploadjat fil-Website bla ħlas.

**3.3** Korrispondenza nr 0048/13 mingħand il-Water Services Corporation bis-suġġett 'Invoice requested' fejn il-Kunsill ġie mitlub jibgħat invoice lill-Water Services Corporation fuq xogħolijiet li saru mill-istess korporazzjoni fid-2009 għal ammont ta' €2750.00.

**3.4** Korrispondenza oħra kienet fuq kwotazzjoni mingħand ir-Repro House li kienet fuq il-Festival taċ-Ċitru.

**3.5** Korrispondenza oħra kienet mingħand resident li qala żewġ kontravenzjonijiet minħabba xi yellow lines li saru mill-Kunsill.

**3.6** Peress li dawn kienu kontravenzjoniet tal-Pulizija, is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, qal li għandhna nikkontestaw lill-Kummissarju tal-Pulizja.

**3.7** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jekk hu it-tort tal-Kunsill dawn iridu jitħallsu mill-Kunsill.

## 4. IL-PROĊESS GĦALL-ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKEUTTIV

**4.1** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, spjega li peress li l-pooling għadu ma nfetaħx irid jinħatar Aġent Segretarju.

**4.2** Wara li ntbagħat ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali fuq is-sitwazzjoni ġejna nfurmati li għandu jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv biex is-Sinjura Georgette Borg tkun tista' tibqa' bħala Deputy Secretary.

**4.3** Dan l-Aġent jista' jinħatar mill-Kunsill jew inkella jintgħazel mid-Dipartiment stess.

**4.4** Ġie deċiz li għandha tinbagħat ittra lid-Dipartiment biex huma jaħtru Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**4.5** Tpoġġiet e-mail fuq il-mejda tal-Kunsill mingħand Id-Direttur tal-Gvern Lokali, s-Sur Carmel Abela, fejn kien qed jawtorizza lis-Sinjura Georgette Borg bħala Deputy Secretary biex tkun il-firmatarja flimkien mas-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris minflok l-ex Segretarju, is-Sur Alfred Buhagiar.

**4.6** Il-Kunsill unanimament approva biex is-Sinjura Georgette Borg tkun il-firmatarja tal-Kunsill flimkien mas-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris.

**4.7** Għandha tiġi ppreparata ittra biex jiġi nfurmat il-Bank koncernat fejn il-Kunsill qed jikkonferma din l-approvazzjoni.

**5. UIF FUNDS**

**5.1** Is-Sinjura Georgette Borg tat spjegazzjoni fuq is-sitwazzjoni fejn il-Perit għadu jrid ilesti pjanti biex jintbagħtu l-MEPA biex jiġu approvati l-UIF Funds.

**5.2** Il-Perit is-Sur John Rizzo Naudi kien informa li dawn il-pjanti issa lesti.

**5.3** Fuq it-tender 'Fixing and Supply of Street Furniture' fiċ-Ċentru Rekreattiv, is-Sinjura Georgette Borg issuġġeriet li l-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur flimkien mal-Kunsill għandhom jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu x'hemm bżonn isir.

**5.4** Il-kunsilliera qablu li mill aktar fis għanda tinbagħat e-mail lill-Perit biex isir dan l-appuntament.

**5.5** Il-kunsilliera qablu li huma m'hemmx għalfejn ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

**5.6** Dr Marc Sant staqsa jekk wara li jitlesta dan il-proġett u jibqa' l-fondi, ikunx hemm possibilita li issir Triq Preziosi.

**5.7** Is-Sinjura Georgette Borg spjegat li anke jekk jibqa' mill-fondi tal-UIF xorta waħda irid jintalab permess biex dawn il-fondi ser tintużaw għal proġett ieħor.

**6. PPP TOROQ**

**6.1** Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li l-Perit bagħat l-'Snag List' li għandha tintbagħat lill-Polidano Bros. flimkien ma' ittra u l-pagament li kien approvat fil-laqgħa tas-27 ta' Diċembru 2012.

**6.2** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris informa ill-Kunsill li meta kienet qed issir Vjal Transfiguration minn Polidano Brothers, inqassmet trench.

**6.3** Dan ikkaġuna ħafna ħsara li l-anqas biss jista jitella' ilma u l-ġardinar qed ikollu iġib l-ilma bil-bowzers biex isaqqi l-ġnien.

**6.4** Għandha tinbgħat e-mail lill-Perit biex issir claim lill-Polidano Bros fuq dan.

**6.5** Ma' din il-claim trid issir claim oħra lill-Polidano Brothers, dik tal-Gutter fi triq Annibale Preca

**6.6** Dan il-Gutter li kien ta' resident u kien jinġabar l-ilma tax-xita, kienet saret mill-Kunsill u waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet kellha titneħħa ukoll.

**7. TRAFFIC MANAGEMENT**

**7.1** IS-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku infurmat lill-Kunsill li hi kienet iltaqet mas-Sur Hugh Arnett, l-espert tat-Traffiku u hu jidirhlu li fir-raħal hemm ħafna yellow lines bla bżonn.

**7.2** Huwa qed jiġurixxi li dawn il-lines jitneħħew

a. Ħdejn il-Madonna tal-Mirakli
b. Annibale Preca Str c/w Tal-Mirakli
c. Triq Tal-Mirakli jitneħħa il-parking bay u l-yellow line.

d. Il-linji bojod fi Triq Nicholas Cottoner iridu jiqsaru

e. F'tal-Mirakli quddiem ir-residenza ta' Mr. Mallia's m'hemmx bżonn yellow lines

**7.3** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris staqsa jekk kienx hemmx bżonn il-permess mingħand TM biex isiru dawn il-lines.

**7.4** Is-Sinjura Magda Magri Naudi wiegħbet li ma nistgħux inżidu aktar lines.

**7.5** Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-problema tal-parking f'Giuseppe Cali.

**7.6** Is-Sur Hugh Arnett, l-espert tat-traffiku issuġġerixxa li Triq Giuseppe Cali issir 'No Parking except for Residents' bil-ħin.

**7.7** Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom isiru dawn it-tabelli fi Triq Giuseppe Cali

**7.8** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris staqsa lill-Kunsill jekk jaqblux li bħal Triq Giuseppe Cali dawn is-signs isirux ukoll fl l-area ta' Senna.

**7.9** Il-kunsill tkellem fuq il-problemi li r-residenti ta' din l-area għandhom peress li hemm dealers tal-karozzi jipparkjaw karozzi fit-tela, fi Triq Agostino Portelli.

**7.10** Qabel ma l-kunsill jipprova isolvi l-problema li hemm f'din it-tela, billi jsiru strippi sofor, iridu l-ewwel isir parkegg għar-residenti bil-hin biex żgur il-karozzi tad-dealers ma jiġux jipparkjaw quddiem ir-residenzi tagħhom.

**7.11** Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li fl-area Ta' Senna għandhom isiru ukoll tabelli ta' 'No Parking except for Residents' ukoll

**7.12** Dr Marc Sant issuġġerixxa li anke Preziosi Street mal-ħajt ta' Villa Francia għandhom jitwaħħlu bhal dawn it-tabelli, waħda fuq kull naħa tat triq.

**7.13** Il-kunsill, filwaqt li jerfa r-responsabbilita ta' dawn it-tabelli, qabel unanimament li għandhom isiru fi Triq Giuseppe Cali, Ta' Senna u Triq Preziosi.

**7.14** Il-kunsilliera iddiskutew il-ħinijiet ta' kif isiru dawn it-tabelli u ġie deċiż li :

**TA' SENNA AREA**
Monday – Friday
07.00 – 20.00
Saturday
07.00 – 14.00
Except for Sundays and Public Holidays

**GIUSEPPE CALI STR**
Monday – Friday
16.00 – 8.00
Saturday and Sunday all day
Except for Public Holidays

**PREZIOSI STR ĦDEJN VILLA FRANCIA**
Monday – Sunday
07.00 – 20.00
Except for Public Holidays

**7.15** Il-Kunsill qabel unanimamnet biex dawn it-tabelli jiġu ordnati mingħand l-MSD.

**7.16** Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li għandhom jitqassmu avvizi lir-residenti ta' Preziosi Street, Merino Str, Ta' Senna area u Triq Giuseppe Cali u

ninfurmawhom li wara lmenti li kellna, l-Kunsill iddeċieda li jagħmel dawn il tabelli.

**7.17** Is-Sinjura Magda Magri Naudi informat li skond l-espert tat-traffiku, is-Sur Hugh Arnett, il-Kunsill m'għandniex nagħmlu aktar yellow lines quddiem garages; jistgħu isiru biss sinjali sofor fil-kantunieri kif tgħid il-liġi.

**7.18** Dr. Marc Sant u s-Sinjura Magda Magri Naudi ikkonfermaw li l-yellow lines fi Triq Preziosi Alley 2 quddiem ir-residenza tas-Sinjura Sciberras għandhom jitneħħew

**7.19** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi qal li f'din it-triq għandha ssir tabella ta' 'No Parking' tul it-triq kollha.

**7.20** Dr Marc Sant staqsa jekk jistax isir xi ħaġa fuq Alley 2 Preziosi Str bħala parkeġġ.

**7.21** Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li għandha terġa tmur on site f'din ir-triq mas-Sur Hugh Arnett biex jaraw x'jista jsir biex tissolva l-problema.

**8. OBJECTION COMPREHENSIVE PLANNING SCHEME TAL-MIRAKLI**

**8.1** Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill illi propju dak-in-nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2013 intbagħtet l-objection lill-MEPA fuq dan il-proġett.

**8.2** Din l-objection ġiet ippreparata minn Dr Paul Gauci, Konsulent.

**8.3** Il-kunsill iddiskuta fuq l-ilmenti li qed iressqu ir-residenti ta' dik l-area u l-pressure li qed jagħmlu biex il-kunsill jagħmel l-oġġezzjoni.

**8.4** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, tkellem fuq il-Press Conference li l-Kunsill organizza imma sfortunatament għal din l-okkazzjoni ma kien attenda ħadd.

**8.5** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li bħala Kunsill ser inkomplu insegwu din il-proġett.

**9. SCARIFYING PART OF TAL-MIRAKLI**

**9.1** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li hemm biċċa kbira sewwa fin-nofs eżatt li qeda fi stat ħażin ħafna u li għandha bżonn scarifying.

**9.2** Is-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat ukoll li anke Triq Karlu Darmanin għandha bzonn scarifying.

**9.3** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li fit-3 ta' Frar għandha tiltaqa' mal-Perit, is-Sur John Rizzo Naudi on site, biex dan joħroġ il-costings ta' kemm tiġi tiswa biex issir scarifying f'din it-triq.

**9.4** Skond l-estimi li jgħidilna l-Perit jiġi deċiż jekk għandhomx jinġabru kwotazzjonijiet jew tinħareġ tender.

**10. UPDATE TAL-HOUSING ESTATE REFURBISHMENT PROJECT**

**10.1** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat lill-kunsill x'kien ġara wara l-aħħar l-laqgħa li kienet saret mar-residenti tal-Housing Estate nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2013.

**10.2** Dakinnhar ir-residenti ġabu l-ilmenti tagħhom, iddecidew li jintaghzel il-Perit tal-Housing u mhux tal-Kunsill peress li kieku trid tinħareġ tender u intagħzlu ukoll l-leaders ta' kull blokka.

**10.3** Din l-informazzjoni kollha għandha tiġi mogħddija lill-Housing Authority u wara l-Housing Authority għandhom jiltaqgħu mar-Residenti tal-Housing Estate ta' Ħal Lija.

## 11. CITRUS FESTIVAL

**11.1** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku, tkellmet fuq l-attivita tal Festival taċ-Ċitru li saret nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar 2013.

**11.2** Il-Kunsill ġie infurmat li din l-attivita marret tajjeb ħafna, tant u hekk li l-larinġ spiċċa u kellhom imorru jergghu igibu aktar

**11.3** Hija qalet li diġa qed tipprepara għal Festival taċ-Ċitru tas-sena d-dieħla u ser ikollha iktar għajnuna

**11.4** Is-Sinjura Magda Magri Naudi ser tipprepara l-kontiijet u r-rendikont ghal festival tac-citru ta' din is-sena.

**11.5** Is-Sinjura Magda Magri Naudi flimkien mas-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris qalu li għandhom jintbagħtu ittra ta' ringrazzjamentlill minn ipparteċiepa f'din l-attivita.

**11.6** Is-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tagħti lista ta' helpers biex nirringrazzjawhom.

**11.7** Hija esprimiet li kellha nuqqas ta' *man power* u ma setax tagħmel kollox weħidha.

**11.8** Il-kunsilliera skużaw ruħhom li ma setawx jgħinu f'din l-attivita imma dak-in-nhar kellhom impejni.

**11.9** Wara nofsinhar sar il-Festival taċ-Ċitru il-Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi.

**11.10** Il-folk group, l-accordion player flimkien maż-żewġ membri tal-Kazin tal-Banda, San Pio X. Għamlu atmosfera sabiħa waqt dan il-Festival.

## 12. LAQGĦA TAL-LOKALITA

**12.1** Il-Kunsill beda jiddiskuti meta tista' ssir din il-laqgħa.

**12.2** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris issuġġerixxi li din il-laqgħa għandha tiġi amalgamata mal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**12.3** Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li fil-21 ta' Frar għandu jigi ppreżentat l-Accounts għas-sena Finanzjarja li ada kemm għaddiet, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**12.4** Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir il-Gimgha 15 ta' Frar 2013 fl-4.30p.m. u l-laqgħa tal-lokalita ssir fis 6.30p.m.

**12.5** Għal laqgħa tal-Kunsill ser jiġi mistieden s-Sur Mark Debono, Accountant biex iressaq l-Accounts tas-sena finanzjarja li għada kif għaddiet.

## 13. ILMENT MINGĦAND RESIDENT FUQ L-ENTRATURA TA' L-ISKOLA

**13.1** Resident qed ipproponi li jsiru double yellow lines quddiem l-entratura ta' l-iskola peress li ġenituri qed jipparkjaw hemmhekk.

**13.2** Il-kunsill unanimament qabel li hu żgur ma jistax jagħmel dawn il-linji u qed jissuġġerixxu li dan ir-residenti ghandhu jikteb lill Transport Malta u jgħaddilhom is-suġġeriment tiegħu.

**14. RESIDENT IEHOR QED JIPPROPONI LI GĦANDHOM ISIRU BIKE RACKS F'ĦAL LIJA**

**14.1** Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom isiru żewġ bike racks waħda f'kull ġnien

**14.2** Dawn biex jiżdiedu mal-waħda li diġa hemm fil-Pjazza Trasfigurazzjoni.

**15. RESIDENT QED JISUGERIXXI LI ISSIR 'NO WAITING' SIGN ĦDEJN IL-BARUMBARA F'ANNIBALE PRECA.**

**15.1** Il-kunsill qabel li din ma tistax issir għax diġa jeżistu linji sofor.

**16. REQUEST FOR NEW LAMPS**

**16.1** Is-Sinjura Georgette Borg resqet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' bozzoz ġodda.

**16.2** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris flimkien mal-Kunsill qablu li din il-lista għandha tinbgħat lill-kunsilliera kollha biex jaraw jekk iridux iżidu jew inaqqsu ma' din il-lista.

**17. XOGĦOLIJIET TA' PAVIMENTAR PENDENTI**

**17.1** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tal-kunsill xogħolijiet ta' pavimentar pendenti li kienu approvati li jsiru mill-Public Works imma minħabba xogħol ieħor dawn ma setghux isiru mill-Public Works.

**17.2** Hija kompliet tgħid li wara li l-Perit għaddha lista ta' kuntratturi, dawn intbagħtilhom rikjesta għall-kwotazzjoni, sal-llum il-kunsill ma rċieva l-ebda risposta minghand l-ebda kuntrattur.

**17.3** Dr Marc Sant issuġġerixxa li dawn ix-xogħolijet isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill, imma dan mhux possibli għaliex lanqas ghodda bizzejjed ma ghandhom.

**17.4** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, u l-kunsill qablu li għandha tinġabar kwotazzjoni mingħand is-Sur Mario Mallia għal dawn ix-xogħolijet.

**17.5** Dr. Marc Sant ghamel l-proposta li l-bankina ta' Robert Mifsud Bonnici Street tigi rrangata min-naha tal-Lija Athletic Football Club u l-Kunsill ihallas ghal dawn ix-xogholijiet wara li jkun ircieva d-debiti rcevuti.

**17.6** Dan ghaliex ser ikun hemm ic-cerimonja tal-ftuh tal-clubhouse tal-Club fil-jiem li gejjin u dawn ix-xogholijiet huma ta' natura urgenti.

**17.7** Dan is-suġġeriment ma ġiex approvat mill-kunsilliera għax aħjar il-Kunsill ikollu l-kontroll ta' l-ispejjes.

**18. RIKJESTA TA' BOLLARDS MINN RESIDENT LI HUWA S-SID TA' BLOKKA FLATS F'ANNIBALE PRECA**

**18.1** Ġie deċiż li din ir-request ser tiġi mogħddija għal konsultazzjoni lis-Sur Hugh Arnett, l-Espert tat-traffiku.

**18.2** Il-kunsill approva biex jinxtraw tnax delineators biex titaffa din il-prolema.

**19. XOGĦOLIJIET TA' PAVIMENTAR FUQ IL-KAPPELLA TA' SANT ANDRIJA**

**19.1** Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħolijet għandhom isiru mill-Kappillan Fr David Gauci taħt is-Supervizjoni tal-Perit Jo Delia.

**20. REQUEST BIEX TINXTARA 'EXTERNAL HARD DISK' BIEX ISIR BACK-UP TAL-FILES**

**20.1** Tressqu tlett kwotazzjonijiet mingħand Klikk Computers, Scan Computers u A to Z Computers għal dan l-external hard disk.

**20.2** Il-Kunsill approva biex tinxtara l-irħas waħda mingħand Scan Computers ghall-prezz ta' €105.00

**21. TELEFONATA ANONIMA FUQ IL-PARKEĠĠ TA' ALLEY 2 U 3 PREZIOSI STR.**

**21.1** Residenta li xtaqet tibqa anonima qed tgħid li fil-preżent hemm żewġ *parking spaces* biss fi Sqaq nr 2 Preziosi Street.

**21.2** Hija qed tisugerixxi li ghandu jitnehha double yellow line biex jizdied parking iehor.

**21.3** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ser tiċċekkja fuq dan l-ilment u li anke ser jitressaq lis-Sur Hugh Arnett.

**22. KTIEB – LEĠĠENDI MISTERI, GĦAJDUT MILL-GŻEJJER MALTIN**

**22.1** Il-Kunsill approva biex jinxtara il-ktieb mingħand is-Sur Clifford Vella fuq Leġġendi, Misteri u għajdud mill-Gżejjer Maltin għal preżż ta' €9.50..

**23. KWOTAZZJONI – BIBIEN TAL-LATRINA**

**23.1** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni biex jissewwew il-bibien tal-latrina, jitwaħħlu xambrelli u titwaħħal sallatura ġdida mingħand is-Sur Joseph Cutajar għal prezz ta' €212.40.

**23.2** Ġie deċiż li għandha tinġabar kwotazzjoni oħra mingħand is-Sur Michael Bedingfield u wara l-kunsill jiddeċiedi.

**24. POTHOLES FI TRIQ SIR UGO MIFSUD**

**24.1** Tressaq ilment fuq potholes li għadhom kemm saru mill-ħaddiema tal-kunsill imma hemm bżonn li jsir xi ħaġa permanenti.

**24.2** Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi kkuntatjat il-Perit Is-Sur John Rizzo Naudi biex jissuġerixxi lill min għandhna ngħidu biex niġbru kwotazzjoni biex isir dan ix-xogħol.

**25. PUNTI LI XTAQ IRESSAQ FUQ IL-MEJDA TAL-KUNSILL DR. MARC SANT**

**25.1** Dr Marc Sant ressaq xi punti fuq il-Mejda tal-Kunsill

**25.2** Huwa staqsa fuq iz-zebra crossing fi Annibale Preca Str u proposed parking system fi Triq Ħal Bordi.

**25.3** Dawn il-proposti għandhom jintbagħtu kollha lis-Sinjura Magda Magri Naudi biex terġa tikkonsulta mas-Sur Mr. Hugh Arnett dwarhom.

**25.4** Dr Marc Sant staqsa ukoll għaliex għadu ma tneħħiex parking Bay int u dieħel Triq Sant Andrija.

**25.5** Dan għandu jitneħħa u anke għandhom jitneħħew il-yellow lines.

**25.6** Dr Marc Sant tkellem ukoll fuq il-proġett f'tal-Kmand fejn ikkonferma li dan mhux ser isir minn naħa ta' Ħal Lija imma minn naħa l-oħra għalhekk mhux ser jaffetwa Ħal Lija.

## 26. RIKJESTA BIEX ISSIR TIBDIL TA' ERBA SIĠRIET FI TRIQ NAZJU CORTIS GĦALIEX KIENU INQATAW.

**26.1** Saret rikjesta minghand resident biex nerghu ingibu erba sigriet ohra flok dawk li inqataw fi Triq Nazju Cortis.

**26.2** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li dawn is-sigar qatt ma kellhom ikunu hemm anzi ghandhom jitqacctu ghal kollox.

## 27. ILMENT MINN RESIDENTA FUQ SPAZJI TA' PARKEĠĠ QUDDIEM IR-RESIDENZA TAGĦHA F'ANNIBALE PRECA.

**27.1** Residenta qed tressaw ilment fuq parking space quddiem ir-residenza taghha fi Triq Annibale Preca.

**27.2** Il-Kunsill qabel li għandna nieħu il-parir mingħand is-Sur Hugh Arnett fuq dan l-ilment.

## 28. *REFRESHING* TAL-LINJI IN LIJA – KWOTAZZJONI MINGĦAND IL-KOPTASIN

**28.1** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni ta' kull triq mingħand il-koptasin *fuq ir-refreshing* tal-linji.

**28.2** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġġeriet li għalissa din għandha tibqa' pendenti.

**28.3** Is-Sinjura Magda Magri Naudi issuġġeriet li għandu jsir biss ir-refreshing ta' kaxxex bojod u sinjali tal-i*stop* u m'għandnix imissu l-linji sofor.

**28.4** Il-kunsilliera tkellmu ukoll fuq il-kwotazzjoni ta' l-'istrippi' minghand il-Koptasin għat-tela ta' Agostino Portelli u li fil-parir tagħhom kienet ftit għolja.

**28.5** Il-kunsill qabel li għandhna ninfurmaw lill Koptasin li meta ikunu qed jaghmlu refreshing tal-linji, fejn jaraw li hemm double yellow lines u suppost isir single ghandu jitnehha wiehed.

## 29. LISTA TA' PAGAMENTI

**29.1** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tal-kunsill lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni.

**29.2** Ġie ikkanċellat pagament tal-Lija Athletic Football Club li sar bi żball.

**29.3** Il-kunsill unanimament approva il-lista tal-pagamenti.

**30. FOOTWAY ST. ANDREWS STR**

**30.1** Dr. Marc Sant staqsa x'kienet ir-risposta ta' TM wara li l-Kunsill talab biex jinvestiga din il-footway peress li l-Kunsill ma kienex qed jaqbel mat-tul ta' din il-bankina.

**30.2** Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li TM wieġbu li jixtiequ li nibgħatu sight plans, ritratti u iridu jkunu jafu min għamilha din il-footway.

**30.3** Dr Ian Castaldi Paris, Sindku, qal li għandhna nerġgħu nibgħatu lis-Sinjura Audrey Testaferrata DeNoto biex issir inspection fuqa din il-footway.

**31. *PERFORMANCE BONUS* TAL-ĦADDIEMA**

**31.1** Il-kunsill approva il-full *performance bonus* għall-ħaddiema s-Sinjura Georgette Borg, s-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin u s-Sinjorina Jeanette Buhagiar.

**31.2** Il-kunsill approva ukoll il-full *performance bonus* għas-Segretarju tal-Kunsill s-Sur Alfred Buhagiar.

Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser tkun nhar il-Gimgha 15 ta' Frar 2013 fil-4.30p.m.

Il-laqgha intemmet fis 9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Mrs Georgette Borg |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |